# IL-BIDWI

FOLJU MAĦRUĠ DARBTEJN FIX-XAHAR MID-DIPARTIMENT TAL-BIEDJA

*Editur, C. Zammit-Marmarà M.B.E.*

Nru. 45 IL-ĠIMGHA, 15 TA' SETTEMBRU, 1944. Nru. 45

KELMTEJN MILL-EDITUR

## DAQQA TA' GĦAJN LEJN L-IMGĦODDI

JEKK nagħtu daqqa ta' għajn bl-onestà kollha lejn il-biedja Maltija ta' l-imgħoddi, aħna ma nistgħux ma nistagħġbux bil-kondizzjon mill-agħar li fiha kienet tinsab. Il-bidwi jaħdem bil-għaqal fil-frieġħi kollha ta' senegħtu skond it-tagħlim li wiret minn għand missieru, u għalkemm kien jgħix ħażin, kien jissabbar u jkompli jaħdem iebes, dejjem jistenna u jittama li staġun ieħor ikun aħjar!

Għal bosta żmien qabel il-gwerra, dak l-istaġun it-tajjeb ma wasal qatt, u l-biedja tagħna kienet riesqa bil-mod, iżda b'pass sod, lejn preċipizzju li fih kienet taqa' u ma tingabar qatt.

Il-Gvern Imperjali kien bagħat hawnhekk bosta esperti biex jistħarrġu l-problemi tagħna. Kien ġie Dawson-Shepherd, Bochicchio, Potts, u Sir Stockdale. Waħda mill-aqwa rikkmandazzjonijiet li saret kienet li tinħtieġ "organizzazzjoni tas-swieq", u wara l-miġja ta' Sir Stockdale kien inbeda xogħol fejjiedi li bih, fis-snin ta' qabel il-gwerra, konna rġajna qed inżidu l-esportazzjoni tal-patata għas-suq Ingliż.

L-aħjar organizzazzjoni tas-swieq, l-iżjed tas-swieq lokali kif ukoll tax-xogħol li jista' jsir fil-kampanja bis-saħħa ta' makni, kien l-aħjar isir b'mod ko-operattiv. Ko-operattiva, li mhux tabilfors taqbel fl-amministrazzjoni jew xogħol, ma' ko-operattivi ta' pajjiżi oħra.

Iżda l-kelma "ko-operattiva" jew "organizzazzjoni tas-swieq" daqqet hekk ħażin f'widnejn xi wħud illi minnufih inbdiet propaganda qawwija fil-kampanja kontra dan il-moviment; propaganda li baqgħet dejjem tiżdied. Din tabilfors tħawwad moħħ il-bidwi tagħna li wara kollox hu minn natura ultra-konservattiv u mdorri jħares b'suspett fuq kull ħaġa ġdida.

Iżda kull moviment f'din id-dinja bilfors ikollu r-reazzjoni tiegħu. Bidwi jista' għal mument ma jagħrafx is-sewwa mill-ħażin, iżda ir-responsabbiltà ta' min imexxih hi kbira tabilħaqq, u ż-żmien ta' bilfors jiġi meta ż-żejt jitla' f'wiċċ l-ilma!

Jinħtieġ li wieħed ma jħallix illi l-Biedja terġa' taqbad it-triq ta' dak l-abbiss li għalih kienet riesqa qabel il-gwerra! Il-lum il-kondizzjonijiet tal-kampanja tbiddlu u jagħtu ċans tajjeb biex wieħed jagħ-... mill-bidwi tagħna iben denn ta' din il-Gżira tal-"George Cross".

## IL-ĦALIB

(*E. Ebejer Slythe, F.R.H.S., A.M.I.E.T., C.C.D.,*)

### Il-Valur tal-Ħalib

IL-ĦALIB hu ta' siwi kbir sew għal min irabbi l-baqar u l-mogħoż kemm ukoll għal min jixorbu, għax il-ħalib huwa xorb li ma jirbaħlu ebda oġġett ieħor ta' l-ikel, sew għal dak li hu qligħ kemm għal dik li hi sustanza. Bizzejjed ingħidu li hu l-ewwel oġġett tat-tmigħ tal-bniedem malli jitwieled u li bih jitrabba u jwettaq saħħtu. Il-ħalib jibni l-muskoli u l-ġisem tal-bniedem. Barra minn dan, hu ikel li l-istonku jġerrgħu malajr u jinħtieġ wisq b'ex wieħed iżomm ruħu f'saħħtu sewwa. L-aqwa nies magħrufa ta' li 'sports', t'sta' tgħid, kollha jqisu l-ħalib bħala wieħed mill-aħjar ikel għad-dieta. Imma l-ħalib trid tħarsu tajjeb mit-tniġġis.

Illi l-ħalib ikun safi jiddependi aktarx mill-indafa taddar fejn jkun; għalhekk min jikkunsmah huwa responsabbli daqs min jaħilbu u jibbottiljah biex il-ħalib jibqa' ħelu u ma jiqrasx sa x'ħin jasal il-ħin biex jintuża.

### Kif Għandek Iżżomm il-Ħalib

Dritt wara li tixtri l-ħalib għandek tqiegħdu f'post nadif u frisk u żżommu hemm sakemm tiġi biex tikkunsmah. Meta tkxfu għall-arja, il-ħalib jitħassar; għalhekk għandek dejjem iżżommu mgħotti tajjeb, għax billi żżommu mikxuf j'sta' jitniġġes malajr mid-dubbien u mit-trab, li iġorru magħhom il-mard.

Jekk il-flixkun tal-ħalib ma jkunx fih għatu, għandek timsaħ tajjeb il-għonq u r-ras tal-flixkun b'xi biċċa ċarruta nadifa qabel ma terfgħu f'postu.

Ma għandek qatt tqiegħed il-ħalib f'xi flixkun jew f'xi reċipjent li jkunu sħan. Għandek tqiegħed il-ħalib fi flixkun jew f'xi ħaġa oħra li jkunu ndaf ħafna. Qatt ma għandek tqiegħdu f'xi ħaġa maħmuġa jew li jkun fiha xi trab jew għabra.

Ir-reċipjenti kollha li fihom tqiegħed il-ħalib għandek tisfihom tajjeb, imbagħad tgħaddihom mill-misħun u fl-aħħar tgħaddihom mill-ilma kiesaħ. Ma għandekx tixxuttahom b'xi biċċa li biha tkun ixxuttajt il-platti.

Ma għandek qatt tħallat il-ħalib ġdid mal-qadim, jekk ma tkunx sejjer tużah minnufih. Il-ħalib il-qadim aktarx ikun fih ħafna mikrobi u jekk it-temp ikun sħun jiqras. Il-ħalib jiqras malajr. Meta l-ħalib ikun għadu fi driegħ il-baqra jew il-mogħża aktarx ikun safi minn kull mikrobi jew batteriji, imma meta jkun qed jinħaleb **u wara li jinħaleb** jista' jitniġġes malajr minn ħafna **organiżmi ċkejknin** u dawn inaqqsulu ħafna mill-benna u mis-saħħa tiegħu u ma jibqax iżomm tajjeb għal żmien twil. U din il-ħsara tiġri mhux biss fil-ħalib li nixorbu, imma tagħmel ħsara wkoll fil-ħalib għall-ġobon, għall-butir u għall krema. Għalhekk jaqbel ħafna li l-bidwi jew **min jaħleb għax-xorb kif ukoll** min jaħleb għall-ġobon, butir u ħwejjeġ bħal dawn li joqgħod b'għajnejh miftuħa kemm jista' biex ma jniġġisx il-ħalib li jaħleb. Dan jista' jsir bi ftit xogħol jekk timxu fuq metodi ndaf bħalma sejjer insemmilkom.

### It-Tniġġis mill-Arja

Ħafna mikrobi li jtiru ma' l-arja jagħmlu ħafna ħsara lill-ħalib. Il-maqjel għandu jkun imnaddaf mid-demel qabel ma tibda taħleb; il-mifrex għandu jkun nadif u miġbur 'il quddiem u l-art u d-dorog jew kanali għandhom ikunu mxarrbin u maħsulin tajjeb. Jekk dan ix-xogħol isir sewwa u jekk il-maqjel jinżamm tajjeb, iktarx li ma jkunx hemm

(*Jissokta fil-faċċata 2*)

